**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 019/2019

8 ta' Gunju 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-3:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera
James Cauchi - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha.

**19.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

19.1.1 Ma kienx hemm

**19.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

19.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 18 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

18.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

**19.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

19.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi matul Gunju 2020 kien hemm seduta tal-Awtorita' tal-Ippjanar li matulha kien gie diskuss appell li kien tressaq mill-Universita' Amerikana ta' Malta. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi waqt l-istess seduta ma kienx hemm decizjoni u l-kawza kienet giet differita ghal nhar l-1 ta' Ottubru 2020.

19.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bil-hidma li impjegati tal-kumpaniji OZO u Bad Boy Cleaners kienu wettqu minghajr hlas fil-lokalita'. Is-Sa. Sa. Zerafa Civelli sahqet illi filwaqt li kienet irringrazzjat lill-impjegati tal-kumpanija Bad Boy Cleaners li kienu temmu hidmiethom, il-haddiema ta' OZO kienu ghadhom qieghdin iwettqu hidma volontarja fil-lokalita'.

19.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien tlesta l-parti l-kbira ta' xoghol ta' tisbih u mmodernizzar li kien sar fl-ufficcju amministrattiv. Hija ziedet tghid illi xtaqet f'isem il-membri tal-Kunsill Lokali tirringrazzja lill-Kunsillier Martin Vella li kien ghamel xoghol ta' injam u ghamara fl-istess ufficcju, liema xoghol iffranka lill-Kunsill Lokali eluf ta' ewro.

19.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bir-rizultati li kienu inkisbu f'hidma volontarja ta' tqassim ta' ikel li l-Kunsill Lokali kien mexxa matul l-eqqel granet tal-pandemija COVID-19. Hija ziedet tghid illi l-inizjativa kienet waqfet biex tintemm galadarba s-sitwazzjoni fil-pajjiz kienet qieghda terga' lura ghan-normalita'.

*F'dan l-istadju, il-Kunsillier James Cauchi talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza tieghu mis-seduta minhabba problemi ta' konnettivita' (internet). Is-Sur Cauchi halla s-seduta fl-16:15.*

## 19.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

19.4.1 Ma kienx hemm

## 19.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

19.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru006/20) ghall-approvazzjoni.

19.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

19.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Mejju 2020.

19.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondat mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (Dok B)

## 19.6 Sejhiet ghall-offerti/ kwotazzjonijiet

19.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi filwaqt li kienu ghaddejjin id-diskussjonijiet mal-perit tal-Kunsill Lokali bil-ghan illi terga' tinhareg sejha ghall-offerti ghar-rigenerazzjoni ta' grawnds Peppi Delceppo, kien inghata bidu ghal ezercizzju ta' monitoragg aktar akut tal-kuntratti li l-Kunsill Lokali kellu. Fir-rigward, is-Sindku stiednet lill-Contracts Manager tal-Kunsill Lokali ( li kien gie msejjah ghas-seduta) sabiex jaghti lill-kunsill Lokali rendikont ta' dak li kien qieghed jinnota fl-operat tal-kuntratturi.

19.6.2 Is-Sur Attard filwaqt li spjega dak li kien qieghed jinnota fl-operat tal-kuntratti li kien jissorvelja u sahaq illi l-pandemija COVID-19 kienet affettwat mhux ftit certi xogholijiet, informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed jinnota nuqqasijiet fl-operat tal-kuntrattur tal-gbir ta' skart domestiku. Segwiet diskussjoni libera, li matulha is-Sur Attard flimkien mal-Kunsilliera prezenti iddiskutew l-imsemmija diffikultajiet. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsilll Lokali kellu jaghti l-fakulta' lill-contracts manager illi fejn jinnota li jkun hemm nuqqasijiet b'mod partikolari fis-servizz ta' gbir ta' skart domestiku, jinhargu *default notices* u multi b'effett immedjat.

## 19.7 Mozzjonijiet ( Mozzjoni numru 01/2020)

19.7.1 Mozzjoni numru 01/2020
Qieghed inpooggi quddiemkhom mozzjoni biex jinhareg it-tender ghat-tizjin tal-Milied min issa nofs is-sena.
Dan Sabiex inkunu ferm kmieni biex inkunu nistghu naghzlu l-ahjar disinji.

Qieghed inpoggi wkoll inizjativa ghal sigra tal-Milied maghmula minn arbli tal-hadid imlibbsa minn liedna hadra skura. Bhala gholi tkun ta' 60 pied u tigi dekorata bil-fairy light mill-istess kuntrattur. Bhala post qed nissuggerixxi Pjazza Gavino Gulia hdejn il-madonna tal-Inkurunazzjoni. Sa. Nkun qieghed inpoggi disinn ta' din is-sigra hawn quddiemkom sabiex tkunu tistghu ikollkom ideja fuq xiex qed nitkellmu.

Is-Sur Martin Vella ippropa emenda skont art 15(7) tas-sitt skeda tal-att dwar il-Gvern Lokali. Huwa sahqet illi l-kliem 'Bhala gholi tkun ta' 60 pied u kellu jitnehha' Dan l-arrangament kellu japplika sabiex ikunu inidivdwi teknici li jaghmlu r-rakkomandazzjoni taghhom dwar l-gholi.

Is-Sur Marco Agius issekondat l-emenda tas-Sur Vella u wara votazzjoni il-mozzjoni giet approvata nem.con

**19.8 Mili ta' postijiet vakanti**

19.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi minkejja li kienet inghatat aktar minn opportunita' wahda, it-tieni kandidati ghall-mili ta' post vakanti permezz tal-iskema CIES2 ma kenitx ipprezentat ruhha ghal interview. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu decizjoni jekk jaghtix opportunita' ohra lill-istess applikanta jew inkella jekk jipprocedix. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-applikanta kienet inghatat xhur shah sabiex tipprezenta ruhha ghal interview u kienet naqset milli taghmel dan. Ghaldaqstant, bi qbil unanimu, ittiehdet id-decizjoni illi l-Kunsill Lokali jingaggja lill-applikanta numru 2 li kienet gabet total ta' 69 minn 100 marka waqt interview li kien sarilha.

19.8.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej il-process ghal ingagg ta' skrivan/a fi skala 15. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kienet infethet sejha interna hekk kif leglament stabbilit u ser ikun qieghed jitressaq ir-rapport tal-bord ghad-diskussjoni tal-Kunsill Lokali fis-seduta segwenti.

**19.9 Risposta ghall-management letter ghas-sena 2019**

19.9.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali l-*management letter* li kien ircieva l-Kunsill Lokali, flimkien ma' abbozz ta' dokument b'risposti ghall-punti li kienu tqajmu mill-udituri tal-Gvern Centrali. Is-Sa. Zerafa stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall iz-zewg dokumenti.

19.9.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv qara d-dokument tal-management letter u r-risposti rispettivi ghall-punti li kienu tqajmu, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Martin Vella ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost.

## 19.10 Cospicua Short Play Festival 2020

19.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej il-process biex kemm il-darba s-sitwazzjoni fil-pajjiz tippermetti tittella' t-tielet edizzjoni tal-Cospicua Short Play Festival. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, il-gurija appunata mill-Kunsill Lokali kienet ghazlet l-ahjar sitt produzzjonijiet minn fost dsatax il-sottomissjoni. Naturalment kellu jkun hemm diskussjoni fil-gimghat segwenti bil-ghan illi jigi stabbilit il-futur tal-attivita'.

## 19.11 Rapporti

19.11.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellux jaqbel ma' proposta ta' un/loading bay fi Triq l-Oratorju
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri provvista' ta' ilma ghall-ufficcju amministrattiv minghand l-orhos fost tliet stimi li kienu ingabru.
- Il-Kunsill Lokali kellu jordna x-xoghol minghand l-orhos offerent minn tliet stimi migbura ghal twahhil ta' madum ( 20 metru kwadru) fl-ufficcju tas-Sindku. L-orhos offerta migbura kienet tammonta ghal tliet mitt ewro (VAT inkluz).
- B'konnessjoni mal-inizjativa LC Care project, kellu jinxtara injam ghal spiza ta' Ewro411.80. l-ispiza kienet l-ohra fost tlieta migbura u l-injam kellu jinxtara bil-ghan illi jsiru numru ta' *cat cafes* fil-lokalita'.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri injam tat-tip white deal u tulip bil-ghan illi jsir xoghol fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali. L-injam kellu jinxtara minghand l-orhos minn tliet stimi li kienu ingabru. L-orhos stima kienet tammonta ghal Ewro 239.36.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri injam tat-tip natural oak bil-ghan illi jsir xoghol fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali. L-injam kellu jinxtara minghand l-orhos minn tliet stimi li kienu ingabru. L-orhos stima kienet tammonta ghal mitejn u erbgha u sebghin ewro.
- Wara diskussjoni libera, li matulha is-Sindku qrat u spjegat sitwazzjoni li kienet inwassla lill-Kunsill Lokali minghand l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali b'konnessjoni mal-gbir ta' skart riciklabbli, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jissieheb ma' proposta li l-istess Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali kienet wasslet bil-ghan illi kemm il-darba jkun hemm diffikultajiet mal-iskema li l-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem maghha, is-servizz lir-residenti jibqa' ghaddej minghajr diffikultajiet.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'ittra formali li kienet intbaghtet lil individwu li kellu jaghti ammont ta' fondi lill-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma kirjiet ta' Grawnds Peppi Delceppo.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghal spiza li kienet tammonta ghal mitejn u tmintax il-ewro u tmien ewro centenzmi bil-ghan illi jissewwa

sejf li kellu l-Kunsill Lokali u li ma kienx jiffunzjona tajjeb. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi fir-rigward kienet ingabret stima wahda biss ghaliex ix-xoghol kellu jigi ordnat bilfors minghand il-fornitur tal-istess prodott.

- Kien hemm qbil l-Kunsill Lokali kellu jaccetta talba li kienet tressqet minghand Ghaqda Patrimonju Bormliz sabiex l-istess ghaqda tkun tista' taghmel uzu minn kappella li kienet tinstab fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa meta tkun trid tleqqa' l-membri taghha.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux jidhol ghal proposti li kienu tressqu minn Horizon 2000 computers u TCTC ghall-organizzazzjoni ta' korsijiet tal-kompjuter. Filwaqt li ma kienx hemm dubju dwar il-kwalita' tal-korsijiet infushom, il-Kunsill Lokali qabel illi ma kienx iz-zmien illi jittellghu tali attivitajiet.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi b'konnessjoni ma' inizjativa li kien ha l-Kunsill Lokali ghal bdil fis-sistema ta' mmaniggjar tat-traffiku, kellu jkun hemm monitoragg ta' parti minn Triq Matty Grima (bejn Triq Santa Margerita u Triq San Gorg) minhabba allegati diffikultajiet li kienu qieghdin isibu xi sewwieqa.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob lil Transport Malta tevlawa l-possibilita' illi fi Triq San Pawl issir humped pedestrian crossing minflok pedestrian crossing li kien hemm. Filwaqt li sservi bhala deterrent ghal sewqan eccessiv, din l-inizjativa kellha tikkontribwixxi sabiex fit-triq in-kwistjoni ikun hemm inqas incidenti.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tigi evalwata l-possibilita' illi jittellghu sessjonijiet ta' pilates minn ghalliem li kienet baghtet korrispondenza lill-Kunsill Lokali. Fir-rigward, qabel jikkommetti ruhu, il-Kunsill Lokali kellu jindaga dwar l-interess mill-komunita' fil-materja.

**19.12 Dawl ta' toroq u Fanali Ornamentali**

19.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara mozzjoni li kien ressaq is-Sur Martin Vella f'seduta precedenti, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ghamlet ricerka fis-suq sabiex jigi stabbilit il-prezz ta' fanali ornamentali ghal Triq il-Pellegrinagg. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit, illi kellu jigi preparat dokument ghal sejha ghall-offerti bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jkun f'pozizzjoni ahjar illi jevalwa l-possibilita' illi jixtri zewg fanali biex jigu installati biswith monument li kien hemm fi Triq Dom Mintoff u fanal iehor fit-tarf ta' Triq il-Pellegrinagg. Is-Sindku ziedet tghid illi kienet ser tkun qieghda tahdem ukoll bil-ghan illi jitkompla ezerizzju li kien gie varat matul l-2018 u li permezz tieghu kienu inbidlu lanterni f'numru sostanjali ta' toroq. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi kienet ser tkun qieghda tiddiskuti l-materja mal-Kunsilliera fis-seduta segwenti.

**19.13 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

19.13.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-6:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-13 ta' Lulju 2020 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 13 ta' Lulju 2020

IFFIRMATA

___________________

**Alison Zerafa Civelli**

Sindku

IFFIRMATA

_______________________

**Duncan Hall**

Segretarju Eżekuttiv